MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 275/2013

**Mobisle Communications Ltd. (C 24655)**

**vs**

**Pierre Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici kifipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u erba' centezmi (€3,982.04), rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni mas-servizz 79492396 gia 79492397 (AC50315561).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2786/11, u bl-imghax mit-18 ta' Lulju 2011, data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 31 ta' Jannar 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar (fol. 24 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-31 ta' Jannar 2014 (fol 23) u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar is-7 ta' Marzu 2014 (fol 29).

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-26 ta' Marzu 2014.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u tnejn u tmenin Ewro u erba’ centezmi (€3,982.04) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut u l-imghax jibda jiddekori mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------